# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 114/99/SM**

**JFF Company Limited.**

**vs**

**Maria Romualda sive Romina Debono.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fufq indikat datat t-29 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghandiex tkun ikkundannata:**

**Thallas l-ammont ta' tlett mija erba' u sittin liri Maltin (LM364.00,0), rapprezentanti spejjez ta' xoghol, manutenzjoni, kont tat-telefon u spejjez ohra maghmulin mill-attur fil-fond 10A, Guze D'Amato Street, Paola, liema fond hu mikri ghand il-konvenuta illi wara li interpellata diversi drabi**

**sabiex tithallas inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar, 1999 baqghet inadempjenti;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segewenti:**

1. **Illi hija m'ghandha thallas xejn lill-attur u dan billi, apparti li l-kontijiet mitluba huma kontestati, ir-relazzjonijiet guridici bejn il-partijiet gew mitmuma bil-ftehim fl-20 ta' Lulju, 1998 meta Joseph u Theresa Fava ftehmu li jixtru l-fond in kwistjoni minghand is-socjeta' attrici liema konvenju sussegwentement ma sehhx u l-istess Joseph u Theresa Fava ipprezentaw kawza sabiex jiehdu refund tas-somma ta' LM9,000 li kienet giet imhollija mas-socjeta' attrici;**

2. **Illi jinghad ukoll illi s-socjeta' attrici bieghet u trasferit il-fond in kwistjoni fid-9 ta' Marzu, 1999 permezz tal-kuntratt fl-atti ta' Dr. Peter Fieri Soler u ghalhekk l-attur m'ghandux iktar interess guridiku f'din il-kawza;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-vertenza in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi permezz ta' skrittura datata l-25 t'April ta' l-1997 il-konvenuta kriet il-fond 10A, Guze D'Amato Street, Rahal Gdid minn ghand is-socjeta' attrici, (ara fol 18 et seq);**

**2. Illi skond l-istess skrittura din il-kera kellha tibda fil-25 t'April ta' l-1997 u tiskadi fil-25 t'April tas-sena 2037;**

**3. Illi skond l-istess skrittura s-socjeta' attrici ma kienitx responsabbli ghat-tiswijiet li setghu jirrikorru;**

**4. Illi rrizulta li mill-fond de quo ittella' kont tat-telefon li ghalieh tidher responsabbli l-konvenuta;**

**5. Illi kagun tan-nuqqas ta' manutenzjoni ordinarja tal-fond de quo fil-perjodu li l-istess fond kien taht il-gestjoni u responsabbilita' legali tal-konvenuta s-socjeta' attrici kienet involuta fi spejjez biex tirripristina l-istat tal-fond de quo;**

**6. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici u indikat fl-avviz odjern jinkludi l-manutensjoni msemmija qabel u l-kont tat-telefon relattiv;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-qorti hi sodisfatta li ghar-ragunijiet fuq esposti s-socjeta' attrici pprovat il-kaz taghha skond il-ligi stante li l-manutensjoni maghmula kienet tirrigwarda l-perjodu li fih il-konvenuta kellha drittijiet legali fuq il-fond de quo, u l-istess ghandu jinghad rigward il-kont tat-telefon in dizamina;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erba' u sittin Lira Maltin, (LM364.00,0), bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**